# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Novembru, 2001**

**Numru 5**

**Cit. Nru. 587/00(F1) GCD**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**Louis Sargeant**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat merkanzija lill-konvenut;

Illi l-bilanc tal-prezz dovut ghall-bejgh ta' din il-merkanzija jammonta ghal elfejn, seba' mija u erba' liri Maltin (Lm2,704.00);

Illi ghalhekk il-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fl-imsemmija somma ta' elfejn, seba' mija u erba' liri Maltin (Lm2,704.00);

Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex jissalda dan id-debitu, il-konvenut baqa' inadempjenti; u

Illi dan id-debitu tal-konvenut fil-konfront tas-socjeta` attrici huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta` attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni, u fil-fehma taghha l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Talbet illi din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' Lm2,704.00;

2. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni abbazi ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-interessi legali u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru, kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Peter Fenech u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat in-nota li biha l-attrici naqqset it-talba ghal Lm354.00.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni kif imnaqqsa, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm